MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 233/2012

**A B sive A C**

**vs**

**D E F u b'digriet tat-12 ta' Lulju 2013 D E F giet mahtura bhala kuratur ad litem tal-minuri Z E F, M E u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponenti ilu ghal dawn l-ahhar sentejn f'relazzjoni mal-konvenuta D E F mart il-konvenut M E.
2. Illi minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri Z E F fil-15 ta' Mejju 2012, u t-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku bic-cartifikat tat-twelid numru 2349/2010 (Dok. A).

3. Illi kif jidher mic-certifikat tat-twelid imsemmi, l-imemmija minuri Z E F giet registrata bhala bint il-konvenut M E.
4. Illi madankollu, kif jidher mir-rizultati xjentifici u genetici (Dok. B), il-minuri konvenuta Z E F mhijiex il-wild naturali tal-konvenut M E, imma hija bint l-esponent Mark C.

Talab ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimata Z E F, li twieldet mill-intimata D E F fil-15 ta' Mejju 2012 fl-isptar Mater Dei, mhijiex il-wild naturali tal-konvenut M E, imma hija l-bint naturali tal-esponent A B sive Mark C;
2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid tal-konvenuta Z E F u dan billi tordna fost ohrajn li:

(a) jigi kancellat il-kunjom 'E F' mill-kolonna intestata '*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'*, u minfloku jitnizzel il-kunjom '*C';*

(b) jigi kancellat l-isem 'M E' mill-kolonna intestata *'Isem u kunjom'* ghar-rigward ta' *'Missier it-tarbija',* u minfloku jiddahhal l-isem '*A B C';*

(c) jigu kancellati n-numru 0125176 ittra M mill-kolonna intestata '*Id-Dokument ta' l-Identita` ta' Missier it-Tarbija'*, u minflokhom jitnizzlu n-numri 0336278 ittra M;

(d) jigi kancellat in-numru 36 mill-kolonna intestata '*Eta`* ta' *'Missier it-Tarbija',* u minflokhom jitnizzel in-numru 33;

(e) jigu kancellati l-kelmiet *'St. Julian's'* mill-kolonna intestata *'FejnTwieldu'* ta' *Missier it-Tarbija'* u minflokhom titnizzel il-kelma *'Pieta`';*

(f) tigi kancellata l-kelma ‘Naxxar’ mill-kolonna intestata ‘Fejn joqghodu’ ta’ ‘Missier it-Tarbija’ u minflokhom titnizzel il-kelma ‘Qrendi’;

(g) jigu kancellati l-kelmiet *‘Joseph E (not known whether living or dead)’* mill-kolonna intestata *‘Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet’* ghar-rigward ta’ *‘Missier it-Tarbija’,* u minflokhom jiddahhlu l-kelmiet ‘*Anthony C (Alive)’;*

U dawk il-korrezzjonijiet, zidiet u/jew annotazzjonijiet ohra li din il-Qorti jidhru fl-istess att tat-twelid u minflokhom jiddahhlu l-konnotati tal-esponenti A B sive Mark C.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-Konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri Z E F, l-esponent naturalment m’huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jrid jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri Z E F, l-intimata D E F kella relazzjoni extramaritali mal-attur A B C u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jeskludu lir-raġel tal-intimata M E bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri Z E F, u dan *ai termini* tal-**Artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

3. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet**

**ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juru li l-pussess ta' stat tal-minuri Z E F ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

4. Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem M E, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 2349/2012;

5. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat il-verbal tal-25 ta' Gunju 2013 fejn il-konvenuta D E F ammettiet it-talbiet kollha attrici.

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tar-rikorrent relatata mal-paternita' tal-minuri Z E F *stante* li l-attur jikkontendi li minkejja li l-minuri twieldet nhar il-15 ta' Mejju 2012 u cioe' fi zmien meta l-intimata u zewgha M E kienu

ghadhom legalment mhux mifrudin, M E m'huwiex il-missier naturali tal-imsemmija minuri. Fil-fatt, l-intimata permezz tal-affidavit taghha[1] tiddikjara li hija sseparat legalment minn zewgha l-intimat l-iehor permezz ta' kuntratt pubbliku datat is-17 ta' Jannar 2013[2]. *Stante* li l-minuri twieldet ferm qabel id-data tas-separazzjoni msemmija u proprju minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri giet mnizzla bhala l-wild naturali tal-intimat M E. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza r-rikorrent qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-imsemmi M E m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati ta' M E jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati tieghu bhala l-missier.

Min-naha taghha, l-intimata tammetti t-talbiet hekk kif dedotti[3].

Min-naha tieghu, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma jressaq l-ebda eccezzjonijiet ta' natura preliminari u konsegwentement, kollox idur fuq il-mertu tal-kaz odjern u jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri hija l-wild naturali tieghu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 77A u 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata.

## **Il-Mertu tal-Kaz**

Ir-rikorrent jiddikjara li minkejja li l-minuri Z E F twieldet nhar il-15 ta' Mejju 2012 u cioe' xhur qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-intimata u zewgha M E, fil-verita' tali tarbija hija l-wild naturali tieghu.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[4] ir-rikorrenti rnexxilu jipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri msemmija

[1] Esebit a fol 28 tal-process
[2] Kopja tal-istess kuntratt huwa esebit a fol 29 tal-process
[3] Ara l-verbal tal-15 ta' Gunju 2013
[4] Esebit permezz ta' nota datata d-9 ta' Lulu 2013

verament hija l-wild naturali tieghu. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu li l-istess minuri hija l-wild naturali tar-rikorrent. It-test xjentifiku hekk kif ikkonfermat bil-gurament jeghleb kull presunzjoni legali relatata mal-paternita' u trabi mnissla fiz-zwieg u jelimina kull dubju dwar l-istess paternita'. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri hija l-wild naturali tar-rikorrent u mhux tal-intimat M E.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri Z E F m'hijiex il-wild naturali ta' M E izda l-wild naturali ta' A B sive Mark C;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri b'dan illi l-konnotati ta' M E ghandhom jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati u dettalji:

Kunjom it-tarbija ghandu jkun dak ta' C;

Isem u kunjom il-missier: A B sive Mark Stago

Karta tal-identita' tal-missier: 0336278M

Eta' tal-missier: 33

Post tat-twelid tal-missier: Pieta'

Post tar-residenza tal-missier: Qrendi

Isem u kunjom il-missier (tal-missier): Anthony C li kien haj fiz-zmien tat-twelid tal-istess minuri.

Il-Qorti tordna wkoll illi l-kliem '*the said*' li jinsabu qabel isem M E, taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att

tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 2349/2012; Bl-ispejjez kontra l-intimata D E F.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------